# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 21**

**Rikors numru 289/2022/1 NC**

***YSG Safe Processing Limited***

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; l-Avukat tal-Istat; u**
**l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Lulju 2022 mill-Prim' Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-attriċi għal rimedju provviżorju *pendente lite.*

2. Wara Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew maħruġ mill-Qorti Distrettwali ta' Mannheim fil-Ġermanja, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat li ssir tfittxija fi proprjetà tal-attriċi. Peress illi dehrilha illi l-ordni ta' tfittxija sejra twassal biex jinkixfu *data* wkoll ta' terzi li ma humiex milquta bl-ordni, u hekk l-attriċi titqiegħed f'pożizzjoni li tikser l-obbligu ta' konfidenzjalità quddiem

terzi li huma klijenti tagħha, bi ksur tad-dritt imħares taħt l-art. 38 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-fatt illi s-soċjetà qed tiġi sfurzata permezz tal-mandat hawn fuq imsemmi li tirrilaxxja d-*data* kollha tal-klijenti kollha tagħha, materjal konfidenzjali, dan jilledi d-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti għall-privatezza hekk kif sanċiti fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> »2. prevja illi din il-qorti tordna li l-mandat għandu jkun ċirkoskritt biex jirriferi partikolarment għad-*data* tal-persuna/i jew soċjetà/soċjetajiet indagati, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħrog dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna li s-soċjetà rikorrenti m’għandhiex tiġi mitluba tikkonsenja d-*data* fuq il-klijenti kollha tagħha, però fuq il-klijenti li qed jiġu investigati biss;
>
> »3. taghti ordni *ad interim* sabiex, b’mod immedjat u *pendente lite*, ikun hemm is-sospensjoni ta’ kwalunkwe trasmissjoni ta’ evidenza konsistenti f’*data* mitluba mill-awtorità kompetenti ġermaniża *tramite* l-Avukat Ġeneral.«

3. Bis-sentenza tas-6 ta’ Lulju 2022 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-tielet talba, ħalliet id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għas-sentenza finali u ordnat li jitkompla s-smigħ.

4. Wara li ngħatat permess tagħmel hekk kif irid l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-attriċi appellat b’rikors tat-18 ta’ Lulju 2022 u talbet illi din il-qorti tħassar is-sentenza appellata u tilqa’ t-talba għall-ħruġ ta’ ordni *ad interim.* Il-konvenuti wieġbu fil-5 ta’ Awwissu 2022.

5. Fit-tweġiba tagħhom il-konvenuti osservaw illi:

> »… … … *stante* illi ma kien hemm ebda ordni sabiex l-esekuzzjoni tat-talba tal-awtoritajiet ġermaniżi ma tiġix esekwita fit-totalità tagħha, l-esekuzzjonijiet mibgħuta lill-awtoritajiet ġermaniżi taħt il-mandat viġenti, skont l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll *ai termini* tal-liġijiet viġenti, ġew esekwiti. Kwindi … … … l-utilità għal ħruġ ta’ miżura provviżorja ma tiffigurax u l-mertu huwa eżawrit.«

6. Waqt is-smigħ tal-appell fit-8 t'Awwissu 2022 ingħata dan id-dikriet:

> »Il-qorti wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet tordna lill-intimati appellati jipproduċu prova li l-informazzjoni / dokumenti kollha mitluba mill-qorti ġermaniża ġiet mibgħuta u li fil-fatt qiegħda fil-pussess tal-istess qorti barranija, dan permezz ta' *affidavit* ta' uffiċjal responsabbli għal dan, bid-dokumenti relevanti annessi, b'kopja lid-difensuri tal-kontro-parti, u dan fi żmien xahar millum.«

7. Dak li ried dan id-dikriet sar b'nota tas-7 ta' Settembru 2022, u mid-dokument mehmuża man-nota jidher illi t-tagħrif kollu li kellu jintbagħat għall-għanijiet tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew intbagħat u ma fadal xejn aktar x'jintbagħat. Għalhekk huwa minnu li ma għad hemm ebda utilità fir-rimedju provviżorju mitlub.

8. Il-qorti għalhekk ma tqisx aktar l-appell, u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex tiddisponi finalment mill-każ.

9. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm